MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1606/1995/1

**Kevin Mallia**

**vs**

**Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-24 ta’ Ottubru, 1995, li in forza taghha, wara li ppremetta:

1. Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta u fl-1 ta’ Gunju, 1995 huwa kien involut

f'incident fejn wegga' l-pala ta' saqajh ix-xellugija, u dan meta kien qed jilbes *safety boots;*

2. Illi dan l-incident gara meta huwa kien qed jigbor il-*plastic* mill-mahzen, il-*lifter* tela' fuq saqajh u b'rizultat ta' dan il-*fork lifter* kisirlu s-swaba ta' saqajh;

3. Illi dan l-incident gara tort uniku tas-socjeta' konvenuta minhabba negligenza minn naha taghha li tipprovdi s-sigurta' lill-impjegati taghha waqt xogholhom;

4. Illi minhabba dan l-incident l-attur sofra danni kbar fosthom dawk ta' natura personali;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-incident Ii sehh fl-1 ta' Gunju 1995 meta l-attur kien qieghed jahdem mas-socjeta' konvenuta gara tort unikament taghha;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha ecceppiet:

1. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni dwar ir-responsabbilita', l-attur ma sofriex danni konsegwenzjali jew permanenti, stante illi l-ispejjez konsegwenzjali thallsu bonarjament mill-konvenuti u l-attur ha l-beneficcji kollha normalment assocjati ma' korriment fuq il-post tax-xoghol u stante ukoll illi ma sofriex dizabilita' permanenti;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ Ottubru, 1998, li in forza tieghu gie mahtur bhala perit tekniku is-Sur William Cassar Torreggiani bl-inkarigu li jezamina t-trakk involut u jaghmel il-kostatazzjonijiet li jistghu jkunu rilevanti ghall-kaz, bil-fakolta’ li jisma’ l-provi bil-gurament kif ukoll jaghmel access jekk jidhirlu li hu mehtieg;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ Gunju, 2000, li in forza tieghu din il-Qorti irrevokat l-inkarigu moghti lill-imsemmi Sur William Cassar Torreggiani, u ssostitwit ghalih lis-Sur Peter Bonello, bl-istess fakultajiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-20 ta’ Gunju, 2001, li bih hatret bhala espert mediku a karigu provizorjament tal-attur lil Dottor Victor Griffiths M.D. biex jirrelata dwar il-kaz.

Rat ir-rapporti mhejjija mill-periti gudizzjarji u minnhom mahlufa u konfermati waqt is-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2002;

Rat it-talba tal-attur, maghmula b’Nota tas-7 ta’ Ottubru, 2002, li biha talab in-nomina ta’ periti addizzjonali ghar-rigward tar-rapport mediku;

Rat li din it-talba giet irtirata b’Nota li giet ipprezentata fl-14 ta’ Ottubru, 2002;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Ottubru, 2002, li in forza tieghu l-process gie rimess lill-perit tekniku, is-Sur Peter Bonello, biex dan ikejjel xjentifikament il-hoss li jaghmel *fork-lifter* in kwistjoni komparat mal-hoss normali li wiehed jistenna f’ambjent ta’ xoghol;

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-imsemmi perit tekniku minnu pprezentat u mahluf fl-udjenza tat-30 ta’ Mejju, 2003;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluz l-inkartament tal-periti gudizzjarji;

Rat in-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

F’dan il-kaz, l-attur kien impjegat bhala *cleaner* mas-socjeta’ konvenut Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited. Fid-data tal-incident, hu kien qed jahdem fil-mahzen tas-socjeta’ konvenuta gewwa l-Industrial Estate tal-Marsa. Dak il-hin, *fork-lifter* misjuq minn Karmenu Baldacchino kien qed jahdem billi jgorr merkanzija li kienet pustjata fuq *pallets*, u dan qabbad lill-attur biex iwahhal *stickers* mal-istess *pallets*. Jidher li xi *stickers* twahhlu hazin, ghax l-attur mar biex jirrangahom; huwa ghajjat lill-siehbu, is-sewwieq tal-*fork-lifteri,* biex jistenna sakemm jirranga l-*istickers*, izda siehbu ma semghux, baqa’ jsuq u tela’ fuq saqajn l-attur. L-attur kien liebes *safety shoes* u, ghalhekk, id-danni ma kienux daqshekk kbar, pero’, xorta wahda sofra griehi billi kellu zewgt iswaba miksurin.

Is-sewwieq tal-*fork-lifter* ikkonferma li hu kellu hafna pallets fuq xulxin u kien koncentrat fuq xogholu, u dak il-hin tal-incident ma semghux lill-attur jghajjatlu u lanqas ma rah vicin il-*fork-lifter*. L-attur kien bejn il-*pallets* u l-hajt u peress li r-roti tal-*fork-lifter* johorgu aktar ‘l barra mill-istess vetturi, dawn ma jidhrux mis-*seat* tad-*driver*, u peress li kien mohhu fuq ix-xoghol, ma irrealizzax li l-attur kien fejn kien, u meta resaq vicin *pallet*, laqtu fuq saqajh.

Hija gurisprudenza tal-Qrati taghna li huwa obbligu ta’ min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta’ xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu; min ihaddem ghandu dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta’ periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiema (ara “Bugeja vs Falzon”, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ April, 1997, u “Desira vs Grech & Co. Ltd”, deciza wkoll minn din il-Qorti fit-30 ta’ Mejju, 2002). Min ihaddem ghandu jinzamm responsabbli meta ma jiehux hsieb li jipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem, u jrid ukoll jipprevedi u jipprovdi ghal fatt li l-haddiem ghandu

tendenza li jitraskura r-riskji inerenti fix-xoghol tieghu. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Schembri vs Caruana noe", deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, *"wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol";* dawn huma kollha fatturi li, min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunement hu msejjah "*a safe system of work*".

Inoltre, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu ("Cini vs Wells noe", deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2001), u jrid jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mistharrga ghat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu.

F'dan il-kaz, l-attur, li kien impjegat bhala *cleaner,* tqabbad jaghmel xoghol li mhux parti mid-doveri tieghu, u suppost isir mid-*driver* tal-*fork-lifter*, li ghandu l-ewwel iwahhal l-*istickers*, u wara jgorr il-*pallets*; kien id-*driver* stess li qabbad lill-attur iwahhal l-*istickers* f'dan il-kaz. Din mhux cirkustanza li grat dakinhar biss, ghax kif ikkonferna Christian Mifsud, ufficjal tas-socjeta' konvenuta, huma kienu jafu li l-*cleaner* gieli kien jigi mqabbad iwahhal l-*istickers.* Il-kumpanija konvenuta, ghalhekk, kienet taf b'din il-prattika, izda la hadet passi biex twaqqafha, u lanqas ma hadet passi biex tipprovdi ghas-sigurta' f'sitwazzjoni ta' periklu meta jista' jkollok persuna jahdem ma' *pallets* waqt li dawn ikunu qed jingarru b'*fork lifter*. Il-kumpanija konvenuta ipprovdiet ghal *supervisor* ghall-haddiema, u dana fil-persuna tal-istess Christian Mifsud, izda dan ghandu doveri ohra fil-kumpanija bhala Corporate Services Manager, ma jistax ikun kontinwament mal-haddiema; fil-fatt, meta gara l-incident, hu ma kienx hemm.

Jidher, mill-premess, li s-socjeta' konvenuta ma tantx tiehu hsieb is-sahha tal-haddiema. Veru li, kull tant zmien,

turi *videos* fuq *safety* lill-haddiema, izda ma tiehux hsieb li l-haddiema jattwaw dak li jkunu qed jaraw. Fil-kuntest tal-provista ta' *safety equipment*, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), fil-kawza "Pulizija vs Attard", deciza fit-2 ta' Settembru, 1999, kienet osservat li min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm *available* dan l-apparat ta' *safety*, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta' *safety equipment*, u jara li din l-ordni tigi segwita.  Applikat dan il-principju ghal mertu ta' dan il-kaz, kien dover tas-socjeta' konvenuta mhux biss li turi lill-haddiema *videos* fuq *safety*, izda li tinsisti li s-*safety measures* ikunu qed jigu segwiti, u tipprovdi nies mistharrga ghal tal-apposta biex jaraw li dawk il-mizuri jkunu segwiti dejjem.

F'dan il-kaz irrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta, ghalkemm kienet taf li d-*drivers* tal-*fork-lifter* gieli jqabbdu lill-*cleaners* iwahhlu l-*istickers*, ma hasbux ghal xi hadd biex jigwida lix-xufier, ghalkemm kellu jirrizultalhom li l-hoss li jaghmel il-*fork lifter* jaghmilha difficli, jekk mhux impossibbli, ghas-sewwieq li jikkomunika mal-*cleaner* li jkun qed jahdem fuq il-*pallets.* Persuna li tkun qed tigwida d-*driver* tkun tista' tara x'ikun qed jigri madwar il-*pallets*, u din ghandha titpogga f'posizzjoni li, b'mod jew iehor, tkun tista' taghti istruzzjonijiet diretti lid-*driver* f'kaz ta' riskju ta' periklu. Minn analizi li ghamel l-espert tekniku, irrizulta li l-hoss li taghmel *fork lifter* huwa ta' bejn 70 u 75 decibels, li huwa livell pjuttost gholi, u allura hu ovvju li d-*driver,* li jkun koncentrat fuq xogholu, mhux ser jinduna b'haddiem hdejh.  Is-*supervisor* ghandu jkollu dan ir-rwol, biex, fil-waqt li jikkoncentra fuq l-*area* ta' madwar il-*fork-lifter*, ikun jista' immedjatament jigbed l-attenzjoni ta' dak li jkun ghall-imminenza tal-periklu.

Din il-Qorti, filwaqt li titfa' responsabbilita' ghal dak il-gara fuq il-kumpanija konvenuta, ma tistax, min-naha l-ohra, teskolpa lill-haddiem. Dak li hu ovvju ghal min ihaddem, kellu jkun ovvju wkoll ghall-haddiem, ghax bil-hoss li kien qed jaghmel il-*fork lifter,* kellu jirrealizza li d-*driver* ma kienx ser jisimghu meta qallu biex jistenna. L-attur, meta induna li xi *stickers* twahhlu f'post hazin, ghajjat lid-*driver* tal-*fork lifter* biex jistenna, izda minghajr ma qies jekk it-

twissija tieghu gietx mismugha jew le, pogga lilu nnifsu f'post ristrett bejn il-*pallets* u l-hajt, u intrifes mill-istess *fork lifter*. Kif intwera aktar 'l quddiem, hu obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi ghat-traskuragni tal-haddiema, pero', ma jistax jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara (ara "Sciriha vs O'Flaherty noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).

Fic-cirkustanzi, pero', ir-responsabbilita' ta' min ihaddem hija akbar, u dana ghandu jerfa' piz aktar mill-haddiem ghall-incident. Il-Qorti, ghalhekk, thoss li r-responsabbilita' ghall-incident ghandha tigi mitfugha fuq is-socjeta' konvenuta fi grad ta' tlett kwarti (3/4), u fuq l-attur fi grad ta' kwart (1/4).

Dwar id-danni, jirrizulta li l-attur kellu 22 sena meta sehh l-incident, kien jaqla' l-*minimum wage* u gie certifikat mill-perit mediku nominat mill-Qorti li qed isofri dizabilita' ta 1%. Ghar-rigward tal-*multiplier,* il-mod ta' likwidazzjoni tad-danni adoperati sallum mill-Qrati taghna kienet dik stabbilita' fil-kawza "Butler vs Heard", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ic-*"chances and changes of life"*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sal-eta' tal-pensjoni.

Il-figura adoperata bhala l-*multiplier* kienet tigi mizmuma moderata u bhala regola, il-Qrati ma kienux juzaw *multiplier* ghola minn 20. Hekk, per ezempju, fil-kawza "Butler vs Heard" stess il-*multiplier* adoperat kien ta' 15-il sena ghal tappezzar ta' 22 sena u fil-kawza "Dalmas vs Ghigo" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Frar, 1980, gie adoperat *multiplier* ta' 20 ghal persuna ta' 33

sena. Fil-kawza "Gauci vs Xuereb" deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1970, gie adoperat *multiplier,* ta' 15 ghal persuna li kellha 24 sena fid-data tal-incident, u fil-kawza "Camilleri vs Polidano" deciza wkoll minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1982, gie uzat *multiplier* ta' 18 ghal wiehed li kellu 28 sena. Il-preokkupazzjoni tal-Qrati kienet riflessa b'mod car mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Lambert vs Buttigieg" deciza fit-18 ta' April, 1963, fejn gie osservat li

"*f'din il-materja ta' "lucrum cessans" il-Qorti ghandha tipprocedi f'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilita' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat".*

Din il-kawtela baqghet tirrenja fuq il-Qrati taghna ghal zmien twil sakemm, bhal lehha ta' berqa, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc b'sentenza moghtija fit-12 ta' Jannar, 1987, fil-kawza "Bugeja vs Agius", hasset li ghandha d-diskrezzjoni assoluta ta' kif tasal ghall-fissazzjoni tal-ammont tad-danni u ghalhekk hasset li ma hemmx bzonn li tigi ggwidata mill-kriterji stabbilit mill-gurisprudenza taghna. Din is-sistema holqot agha kbir fost l-avukatura u dawk li jahdmu fl-*insurance*, ghax f'daqqa wahda l-ammont li jigi likwidat bhala kumpens ghal-*"lucrum cessans",* beda jigi koncepit f'figuri straordinarji li hadd qabel ma kien jimmaginahom.

Dik il-kawza marret l-Appell, u l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha moghtija fis-26 ta' Lulju, 1991, taffiet ftit mill-preokkupazzjoni li l-kumpaniji assikuratrici kellhom in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc. Il-Qorti tal-Appell osservat li in tema ta' likwidazzjoni ta' "*lucrum cessans"* hemm certi kontingenzi li wiehed jiltaqa' maghhom fil-hajja, u li fuqhom wiehed jista' biss jispekula, li jirrendu dan l-ezercizzju wiehed difficli u aleatorju. Wara li qieset l-izvilupp li sehh f'dawn l-ahhar zminijiet fil-medicina, fl-ekonomija, u fis-socjeta' in generali, il-Qorti tal-Appell sostniet li s-sistema tal-komputazzjoni li kien jintuza qabel mill-Qrati taghna ghandu jibqa' jigi segwit "**bhala bazi**", b'dan, pero', li fl-applikazzjoni ta' dan il-

metodu bhala bazi, il-Qorti, minn zmien ghal zmien, ghandha tkun lesta li skond ic-cirkostanzi tallarga l-applikazzjoni ta' din is-sistema b'mod li jressaqha aktar biex taghmel gustizzja ahjar specjalment f'sistema bhal taghna li sallum ghad ma jikkontemplax la danni morali kif anqas danni ghal "*pain and suffering*". Il-Qorti tal-Appell, pero', insistiet li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-hajja lavorattiva fit-totatlia' taghha. Kompliet tghid:

"*Fi kliem iehor is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehed numru ta' "years purchase" li hu l-"multiplier" u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorattiva tal-vittma.*"

L-imsemmija Qorti tal-Kummerc, fis-sentenza taghha, ghal persuna ta' 34 sena kienet adoperat *multiplier* ta' 26, izda l-Qorti tal-Appell dehrilha li kif iddecidiet l-ewwel Qorti qiesu dawk il-kontingenzi li semmiet ma jezistux u, ghalhekk, il-Qorti tal-Appell dehrilha li l-kaz kien jiggustifika l-*multiplier* ta' 20 sena.

Minn dak iz-zmien inghataw diversi sentenzi ohra, anke mill-istess Qorti tal-Appell, u dan l-aspett ta' moderazzjoni jidher li baqa' jigi segwit, (ara, per ezempju, il-kawza "Galea vs Attard", deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 1993).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-vittma kellu 22 sena meta sehh l-incident. L-esponenti jhoss li, mehud kont tac-cirkustanzi kollha tal-kaz, il-*multiplier* adoperat m'ghandux ikun aktar minn 32-il sena.

Ghalhekk, l-ammont ta' *lucrum cessans* dovut lill-attur ghandu jinhadem fuq *multiplier* ta' 32 u fuq salarju ta' Lm70 fil-gimgha, mehud kont taz-zidiet li kull sena jithabbru mill-Gvern fil-paga minima. Ghalhekk, il-kumpens hua ta' 70 x 52 x 32 x 1%, u cioe', LM1164.80.

Peress li l-incident sehh fl-1995, u s-sentenza qed tinghata tminn snin wara, l-*lump sum deduction* mhux ser tinhadem fuq 20%, izda fuq bazi ta' 4%. B'hekk, il-kumpens dovut lill-attur huwa LM1118.21. Peress illi s-socjeta' konvenuta hija responsasbbli fi grad ta' tlett kwarti, hi ghandha thallas lill-attur is-somma ta' LM838.65.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' in parte t-talbiet attrici, issib li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli fi grad ta' tlett kwarti ghall-incident li sehh fl-1 ta' Gunju, 1995, li fih wegga' l-attur, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tminn mija u tmienja u tletin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM838.65,0) in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------